# IL-VANGELU TA' SAN GWANN

Jekk wieħed jaqra, mqar fuq-fuq il-Vanġeli u jqabbel l-ewwel tlieta, S. Mattew, S. Mark u S. Luqa ma S. Ġwann, malajr jintebaħ li hemm differenzi kbar bejniethom. S. Mattew, S. Mark u S. Luqa, bi kliem ħafif, igħidulna xi ġrajja mill-ħajja u mill-ħedma ta' Ġesù Kristu u xi ftit mit-tagħlim tiegħu man-nies tal-Galilija. S. Ġwann jinfired u jitbiegħed minnhom u jagħtina Evanġelju ieħor li ma jixbah xejn lill-oħrajn. Bħalma qalu l-għorrief tal-Knisja, l-ewwel tliet Evanġelisti juruna 'l Kristu bniedem fuq l-art ma bnedmin oħra, imma S. Ġwann, bi ġwenħajn ta' ajkla jitla' 'l fuq, 'il fuq sattron ta' Alla u jara u jurina 'l Kristu bħala Alla u Bin Alla. L-ewwel tliet Vanġeli huma storja jew rakkont tal-ħedma ta' Kristu qalb il-bnedmin, ir-raba' Vanġelu hu teoloġija mibnija fuq it-tagħlim u l-mirakli ta' Kristu. Għalkemm l-ewwel tliet Vanġeli fihom tagħlim ukoll, aktar jidhru kotba ta' rakkont milli kotba ta' tagħlim, filwaqt li r-raba' Vanġelu, għalkemm fih xi rakkonti wkoll, aktar jidher li hu ktieb ta' tagħlim milli ktieb ta' rakkonti. Għalhekk l-aqwa għorrief dejjem ħassew ġibda kbira lejn dan il-Vanġelu u tħabtu kemm felħu u ħaddmu l-qawwa kollha ta' moħħhom biex jifhmu l-ħsieb tal-evanġelista u jfissruh tajjeb. U din il-qawwa tal-Evanġelju ta' S. Ġwann iħossuha l-għorrief tal-lum ukoll, kattoliċi u mhumiex, li f'dawn l-aħħar snin tawna kotba fuq dan l-Evanġelju aktar milli tawna fuq it-tlieta l-oħra f'daqqa.

X'jgħallimna S. Ġwann fl-Evanġelju tiegħu? Biex nifhmu t-tagħlim ta' S. Ġwann jaħtieġ nifhmu kif inhu maħdum l-Evanġelju tiegħu, fiex jaqbel u fiex ma jaqbelx mal-oħrajn. L-Evanġelju ta' S. Ġwann hu maqsum f'żewġ taqsimiet kbar. L-ewwel taqsima fiha l-ewwel tnax-il kap, u fiha naqraw ftit mirakli u ħafna taħdit ta' Kristu mal-Lhud; fil-bqija tal-Evanġelju għandna r-rakkont tal-passjoni maqsum ukoll f'żewġ taqsimiet, id-diskors ta' Kristu mal-Appostli u l-passjoni.

S. Ġwann jirrakkontalna seba' mirakli milli għamel Kristu, għalkemm fl-aħħar igħid li kieku kellu jinkiteb kull ma għamel u kull ma qal Ġesù, id-dinja ma kenitx tesagħhom il-kotba kollha li kienu jinkitbu. Dawn il-mirakli huma: il-bdil tal-ilma f'inbid fit-tieġ ta' Kana; il-fejqan tal-magħtub ta' Bethesda; il-fejqan ta' żagħżugħ f'Kana; it-tkattir tal-ħobż u l-mixi ta' Kristu fuq l-ilma; il-fejqan ta' wieħed agħma mit-twelid; il-qawmien ta' Lażżru mill-mewt. U kull wieħed minn dawn il-mirakli hu rakkontat b'mod li t-tagħlima tiegħu tidher mill-ewwel daqqa ta' għajn. Wara, inkella, bl-ewwel miraklu, jgħid S. Ġwann, Kristu wera l-glorja tiegħu quddiem ftit nies, qraba u ħbieb, jiġifieri wera s-setgħa tiegħu ta' Alla, għax min seta' jibdel l-ilma f'inbid ħlief Alla? L-istess setgħa wera Kristu fil-fejqan taż-żagħżugħ ta' Kana u tal-magħtub ta' Bethesda. Il-miraklu tat-tkattir tal-ħobż u tal-mixi fuq il-baħar kienu tħejjija tad-diskors li għamel Kristu l-ġurnata ta' wara fis-sinagoga ta' Kafarnahum u li bih wiegħed il-ħobż li jagħti l-ħajja ta' dejjem. Il-fejqan tal-agħma mit-twelid hu rakkontat

wara li Kristu kien qal li hu kien id-dawl tad-dinja. Fi kliem ieħor il-fejqan tal-agħma kien xbiha tal-fejqan tad-dinja mill-għama tal-injoranza u tad-dnub. Il-qawma ta' Lażżru mill-mewt tfisser li Kristu kien il-ħajja ta' dejjem li hu kien lest biex jagħtiha lil kull min jemmen fih. Tant hi kbira r-rabta bejn il-mirakli u t-tagħlim li x'uħud jaslu saħansitra biex igħidu li l-mirakli tar-raba' Vanġelu huma kollha ivventati minn S. Ġwann biex aktar ifiehem it-tagħlim tiegħu.

Wieħed mill-punti l-aktar fundamentali tat-tagħlim tal-Vanġelu ta' S. Ġwann hu d-divinità ta' Ġesù Kristu, verità li nħossuha tidwi mill-ewwel faċċata tal-Evanġelju salaħħar. Kristu hu Alla, Bin Alla, kien minn dejjem, bih saret id-dinja u kull ma fiha; l-Iben ta' Alla kien mibgħut fid-dinja minn Alla l-Missier, sar bniedem bħalna u għammar fostna. Dan naqrawh fl-ewwel faċċata tal-Evanġelju u fl-Evanġelju kollu. Lil Nikodemu Kristu jgħidlu: "Alla hekk ħabb il-bniedem, li ta' l-Iben tiegħu l-waħdani, biex kull min jemmen fih ma jintilefx, imma jkollu l-ħajja ta' dejjem; għax Alla ma bagħatx 'l Ibnu fid-dinja, biex jagħmel ħaqq mid-dinja, imma biex id-dinja tkun salvata bih. Min jemmen bih ma jkunx ikkundannat, imma min ma jemminx hu diġa ikkundannat, għax ma emminx bl-isem tal-Iben waħdieni ta' Alla" (3, 16-18). Mela min ma jemminx fl-Iben ta' Alla hu ikkundannat, ma għandu l-ebda dritt għall-ħajja ta' dejjem. U min hu dan l-Iben ta' Alla li għandna nemmnu fih? Nisimgħu 'l Kristu stess igħid: "Min jisma' kelmti u jemmen f'dak li bagħatni, ikollu l-ħajja ta' dejjem u ma jiġix għall-kundanna, imma jgħaddi mill-mewt għall-ħajja" (5, 24). Qabel Kristu qal li min ma jemminx fl-Iben ta' Alla ma jkollux il-ħajja ta' dejjem, issa jgħid li min ma jemminx fih ma jkollux il-ħajja ta' dejjem. Mela Kristu hu l-Iben ta' Alla. U jekk lil Nikodemu qallu li Alla bagħat l-Iben tiegħu fid-dinja, lil-Lhud qallhom li bagħat lilu stess (5, 37). Mela hu, Kristu, kien Bin Alla. U f'bosta okkażjonijiet oħra Kristu stqarr li hu kien minn dejjem ma Alla. Il-Lhud fehmuh 'il Kristu. Għax meta Kristu staqsiehom: "Għamilt quddiemkom ħafna għemejjel tajba bis-setgħa ta' Missieri; għal-liema għamil minnhom tridu tħaġġruni?" weġbuh: "Mhux għal xi għamil tajjeb inħaġġruk, imma għad-dagħwa, għax int, bniedem, tagħmel lilek innifsek Alla" (10, 31). U din il-verita' qisha dawl li jinfirex mal-Evanġelju kollu u jurina l-għamil kollu ta' Kristu u t-tagħlim tiegħu kollu bħala għamil u tagħlim ta' Alla. L-Evanġelju ta' S. Ġwann nistgħu bir-raġun kollu nqisuh bħala trattat tat-teoloġija ta' Kristu l-Iben ta' Alla.

Kristu mhux biss qal li hu kien Alla u Bin Alla imma ried li l-Lhud jemmnu fih bħala Alla. Min jemmen, ikollu l-ħajja ta' dejjem; min ma jemminx ma jkollu l-ebda dritt għal din il-ħajja, jiġifieri, jkun ikkundannat. Dal-kliem Kristu qalu lil Nikodemu u qalu bosta drabi lil-Lhud (5, 24; 6, 29; 35, 36; 40, 47; 10, 38; 11, 40; 12, 44-50).

P. P. SAYDON

(*Jorbot mal-ħarġa li ġejja*)